MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru. 981/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**
**VS**
**VALTER CARUANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Valter Caruana ta’ 21 sena, bin Missier mhux maghruf u Salvina nee’ Caruana, mwieled Pieta’ fis- 7 ta’ Ottubru 1989, residenti 33 Flat 5, Triq l- Isptar, Valletta, u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 469889M;

Talli fix- xahar ta’ Ottubru 2010;
1) ikkommetta serq ta’ telefon cellulari tal- markia Nokia X6, ghad- dannu ta’ Anthony Scicluna, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur;

2) f' Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Dan il-kaz huwa l-ezempju klassiku ta' "theft by finding". L-imputat ra "mobile phone" mitluq, u minnflok ma rrapporta s-sejbien tieghu lill-Pulizija, qabad u hadu u zammu ghalih. Sidu, certu Anthony Scicluna, irrapporta lill-Pulizija li kien insteraq, u xi zmien wara, mill-investigazzjoni li ghamlu, gew infurmati li l-istess apparat kien qed jintuza b'numru iehor. L-imputat gie mistoqsi mil-Pulizija, u ammetta maghhom li kien l-istess "mobile" li kien ha. Tenut kont tal-fedina penali netta tieghu, tal-ammissjoni bikrija, u tar-ritorn tar-res furtiva, il-Qorti sejra taghti sanzjoni fil-komunita' minn flok piena. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, dik inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 267 u 334 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------